SKOLA THERESA NUZZO

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019 -2020

**Il-Sitt Sena**

**MALTI – IL-FEHEM MIS-SMIGĦ** **Ħin: 30 minuta**

**Isem:** ______________________________________________

**Klassi:** ______________________________

**Numru tar-Reġistru:** _____

| Marka Totali |
| --- |
| ______ |
| 20 |

**L-Ewwel Silta** **(10 marki)**

**Taħriġ A**
**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:**

1. Tonina kienet dejjem moħħha
(a) fil-ġirien.
(b) fit-tfal tagħha.
(ċ) fir-raġel tagħha.

2. Darba semgħet ħafna għajjat barra u Tonina
(a) ma semgħet xejn.
(b) baqgħet issajjar u ma tatx kas.
(ċ) mill-ewwel intebħet li kien ġara xi ħaġa u wiċċha xegħel bil-ferħ.

3. Biex tara kulma kien qiegħed jiġri fit-triq Tonina
(a) ntasbet wara l-bieb tad-dar tagħha.
(b) telgħet fuq il-bejt.
(ċ) ħarġet fil-gallarija.



4. Tonina bdiet tibża li jekk jiġu l-pulizija:
(a) jistgħu jitolbuha biex jieklu għandha.
(b) jistgħu jtellgħuha bħala xhud.
(ċ) jistgħu jistaqsuha biex jaraw x'qed issajjar.

5. X'insiet fuq in-nar Tonina?

(a) Is-sarvetta.

(b) L-injam.

(ċ) L-ikel.

6. X'xammet Tonina meta daħlet ġol-kċina?

(a) Riħa tfuħ ta' fjuri.

(b) Riħa tfuħ ta' torti.

(ċ) Riħa ta' ikel maħruq.

7. Meta ġie r-raġel tagħha Tonina

(a) tagħtu biċċa torta.

(b) lestietlu dixx imqarrun il-forn.

(ċ) ma kellhiex ikel x'tagħtih.

8. Dakinhar Tonina u r-raġel kellhom jieklu

(a) l-ikel maħruq.

(b) platt soppa.

(ċ) biċċtejn ħobż bil-ġobon.

9. Ir-raġel tagħha qalilha biex

(a) lill-ġirien idaħħalhom jieklu magħhom.

(b) lill-ġirien tiġġieled magħhom.

(ċ) lill-ġirien tħallihom.

10. Tonina

(a) ma tatx kas aktar tal-ġirien.

(b) baqgħet dejjem moħħha fil-ġirien.

(ċ) qatt ma reġgħet marret tissemma waqt xi ġlieda.

**It-Tieni Silta** **(10 marki)**

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel cirku madwar t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.** L-ewwel waħda hija eżempju

1. Fl-imgħoddi il-maġġoranza tal-Maltin kellhom forn.

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

2. Il-ħobż kont issibu fid-djar kbar tan-nies.

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

3. Dawk in-nies li ma kellhomx forn kienu jagħġnu l-ħobż u jeħduh għand il-furnar.

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

4. Għall-ewwel il-furnar kien iqassam il-ħobż minn ġo xkora kbira.

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

5. Il-karettun kien jinġibed mill-furnar.

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

6. Il-karettuni kien miżbugħin ħodor u fuqhom kien hemm miktub "Ħobż Bnin".

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

7. Il-bejjiegħ kien iqajjem lil kulħadd bl-istorbju li kien jagħmel.

   VERU FALZ MA SSEMMIETX

**Taħriġ B** (5 marki)

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-silta.** L-ewwel waħda hija eżempju

1. Din is-silta tirrakkonta dwar il-**<u>karettun</u>** tal-ħobż.

2. Wara l-___________ kien hemm karettuni iżgħar.

3. Dawn il-karettuni kienu b'___________ żgħira u ____________ tal-ħġieg.

4. Il-ħobż kien aktar __________ mill-ieħor ta' qablu.

5. Dan il-ħobż kienu jgħidulu tal- _____________.

## TMIEM IL-KARTA

SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019 -2020**

---

**Is-Sitt Sena**

**MALTI – IL-FEHEM MILL-QARI** **Ħin: 50 minuta**

---

**Isem:** ______________________________________________

**Klassi:** ______________________________

**Numru tar-Reġistru:** _____

| Marka Totali |
|---|
| ______ |
| 30 |

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dan il-programm u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**PROGRAMM TA' FIERA KBIRA**
**F'JUM ĦAŻ-ŻARŻUR**
**ORGANIZZATA MILL-KUNSILL LOKALI**

| | |
|---|---|
| Fid-9·00 ta' filgħodu | Diskors tal-ftuħ mis-Sindku tal-Kunsill Lokali. |
| Fid-9·30 ta' filgħodu | Varjetà ta' kant u żfin fuq il-palk prinċipali minn kantanti popolari Maltin. |
| Fin-12·30 ta' waranofsinhar | Wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. |
| Fis-1·00 ta' waranofsinhar | Dħul fil-pjazza ta' karozzi u muturi antiki użati fi żmien il-gwerra. Wara l-pubbliku jkun jista'jdur magħhom u jieħu xi ritratti. |
| Fis-2.30 ta' waranofsinhar | Ftuħ ta' wirja bi tpinġijiet tat-tfal. Fl-aħħar tal-fiera, it-tpinġijiet ser ikunu għall-bejgħ u l-qligħ imur b'risq id-dar l-anzjani tar-raħal. |
| Fl-4·00 ta' waranofsinhar | Preżentazzjoni ta' ċertifikati u trofej mill-President ta' Malta lit-tfal rebbieħa tal-kompetizzjoni tat-tpinġija. |
| Fil-4·45 ta' waranofsinhar | Għeluq tal-fiera. |



Matul il-jum ser ikun hemm bejgħ ta':

Ħwawar tal-borma

Ikel u ħelu tradizzjonali Malti

Pjanti ta' ġewwa



## A.

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb n-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju. (4 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | **Il-fiera hija organizzata** | | jinbiegħu pjanti u ikel Malti. |
| 2. | Is-Sindku tal-Kunsill Lokali għandu | | lit-tfal rebbieħa mill-president ta' Malta. |
| 3. | Matul il-jum kollu ser | | ser imur għad-dar tal-anzjani tar-raħal. |
| 4. | Il-qligħ mill-bejgħ tat-tpinġijiet | **1.** | **mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żarżur.** |
| 5. | Il-premjijiet ser jingħataw | | jiftaħ il-programm b'diskors qasir. |

## B.

**Imla l-vojt billi ssib <u>il-kelma</u> t-tajba mill-programm.**
**L-ewwel waħda hija eżempju. (3 marki)**

1. Din il-fiera hija organizzata fl-okkażjoni ta' **Jum** Ħaż-Żarżur.
2. Fid-9.30 fuq il-palk prinċipali ser tittella' ____________________ ta' kant u żfin minn kantanti Maltin.
3. Is-Sezzjoni tal-____________________ tal-Pulizija għandha tagħti wirja sabiħa.
4. Waħda mill-għaqdiet ser tippreżenta għadd ta' karozzi u muturi ____________________ fil-pjazza waqt il-fiera.

**Ċ. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ( ✓ ) fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.** **(3 marki)**

| | | VERU | FALZ | MA SSEMMIETX |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Waqt din il-fiera ikun hemm bejgħ ta' karozzi u muturi. | | | |
| 2. | Il-President ta' Malta se jagħti ċertifikat u trofej lit-tfal kollha li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni tat-tpinġija. | | | |
| 3. | L-aħjar tpinġijiet tat-tfal kienu se jiġu ppubblikati mill-Kunsill Lokali fil-ktieb. | | | |
| 4. | Il-Kunsill qed jistieden lin-nies kollha tar-raħal biex jattendu u jieħdu sehem fl-attivitajiet. | | | |

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

## Il-Ħrafa tax-Xhur

**L-Ewwel Parti**

F'raħal `il bogħod kienet tgħix mara fqira li biex taqla' x'tiekol kienet tmur tgħin lil oħtha fil-forn. Din oħtha kienet mara sinjura ġmielha, iżda kienet qalbha ħażina għall-aħħar. Mhux biss kienet tħaddem lil oħtha mindu jisbaħ sa ma jidlam, imma bilkemm kienet tagħtiha x'tiekol. Malli tasal lura d-dar, l-imsejkna mara kienet titfarfar mill-għabra tad-dqiq, tiġbor dak li jaqa' fl-art u minnu tagħmel ftira daqs nitfa. Imma oħtha ma damitx ma ndunat. "Illum qis li titfarfar qabel ma toħroġ," qaltilha lejla waħda. **(paragrafu 1)**

Il-mara kellha tagħmel kif ordnatilha oħtha u dik il-lejla kienet se torqod bil-ġuħ. Inzertat lejla sabiħa ta' dawl ta' qamar u l-mara ddeċidiet tmur tagħmel żewġ passi qalb ir-raba'. Ħadet magħha l-mekkuk u l-qoton u telqet għal għonq it-triq ........ timxi u taħdem il-qoton. Il-ħin ma ratux għaddej u f'daqqa waħda ntebħet li l-lejl kien daħal ġmielu. Malli tat daqqa t'għajn madwarha ndunat li kienet tilfet it-triq. Għall-ewwel ħabtet se tikkonfondi x'taqbad tagħmel, meta tefgħa ta' ġebla minnha lemħet dwejra b'dawl inemnem fit-tieqa. Għalhekk il-mara ddeċidiet tmur tħabbat f'dik id-dwejra u tara jagħtuhiex kenn għal-lejl. **(paragrafu 2)**

Il-bieb kien imbexxaq. Ħabbtet, daħlet u b'għaġeb kbir tagħha f'nofs il-kamra tilmaħ mejda kbira bi tnax -il raġel bilqiegħda madwarha.

"Għaddi xbint," qalilha wieħed mill-irġiel. "Oqgħod hawn bilqiegħda u kul xi ħaġa magħna." Fuq il-mejda kien hemm kull xorta ta' ikel u xorb. Dik il-passiġġata qalb ir-raba' kienet aktar fetħitilha l-aptit u għalhekk il-mara

poġġiet mal-mejda u kielet kulma resqulha quddiemha. “Grazzi minn qalbi ...... x’ikla dik!” qaltilhom il-mara.

Wieħed mill-irġiel dar fuqha u bi tbissima staqsieha, “Xbint, x’tgħidilna dwar Jannar?” “Eh, Jannar huwa xahar tax-xita, ix-xahar ta’ kull ġid. Il-ħaxix jikber u jisbieħ. Taf x’jgħidu x-xjuħ tagħna:

*Meta x-xemx issaħħan f’Jannar, fis-sajf ikollok biex timla’ d-dar!* U jgħidu wkoll: *Qamar Jannar ħareġ ix-xebbiet mid-djar għax ħasbuh bi nhar!”*

Ir-raġel tbissem u deher li ħa gost bil-kliem tal-mara.  Minnufih qabeż dak ta’ ħdejh u staqsieha, “U dwar Frar ma tgħidilna xejn?”

U l-mara kienet pronta u weġbitu, “Frar ħu Jannar. Bħalu jimlina b’kull barka. *Frar fawwar, tal-bidwi għana fid-dar. U ....... fi Frar kull xita bl-inwar.* Frar m’hawnx għalih.”  **(paragrafu 3)**

Dan ir-raġel ukoll feraħ bi kliem bħal dak. Wieħed wara l-ieħor talabha tgħidlu x’jidhrilha mix-xhur kollha tas-sena. Il-mara dejjem sabet xi ħaġa sabiħa xi tgħid dwar kull wieħed mit-tnax-il xahar. Lil Marzu faħħritu għax ix-xahar tar-rebbiegħa u l-kampanja timtela bil-ħajja. Dwar April qalet li huwa x-xahar tal-bnazzi meta l-jum jurik li beda jitwal. Lil Mejju sejħitlu x-xahar tal-ward u hekk baqgħet sejra sa Diċembru.

Sadanittant beda jisbaħ u qabel ma l-mara telqet wieħed mill-irġiel qalilha, “Hawn xbint, aqbad dal-ħatar. Malli tasal id-dar għidlu. *Agħmel li għandek tagħmel!* Meta tridu jieqaf, għidlu, *Saqqaf!” **(paragrafu 4)***

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta.** (*marka kull waħda = 8 marki)*

Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Lil min kienet tmur tgħin il-mara l-fqira?

   a) Kienet tmur tgħin lil sħabha tar-raba'.
   b) Kienet tmur tgħin lil oħtha fil-forn.
   ċ) Kienet tmur tgħin lil oħtha id-dar tagħha.

2. X'tip ta' mara kienet oħtha?

   a) Ħanina u qalba tajba.
   b) Sinjura u qalba ħażina.
   ċ) Mara sinjura u sabiħa.

3. Fejn daħlet darba waħda wara li għamlet mixja u ntilfet?

   ______________________________________________

4. X'qaltilhom dwar Jannar u Frar?

   ______________________________________________

5. X'tawha qabel ma telqet?

   ______________________________________________

6. Fil-frażi "**kielet kulma resqulha quddiemha"** (par. 2) għal min qed tirreferi **<u>ha</u>** fit-tarf tal-kelma. ______________________________

7. Aqleb il-verb b'linja taħtu fin-negattiv:

   .......bit-tbissima **staqsieha** (par. 3) ___________________________

8. Ikteb il-kelma **<u>xahar</u>** (par. 3) fl-għadd imtenni: __________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Il-mara sellmitilhom u telqet lura lejn darha.  Kellha seba' mitt sena sa ma tasal id-dar u tara x'kellu l-ħila jagħmel dak il-ħatar. Fid-dawl tax-xemx ma damitx ma sabet triqtha lura.  Daħlet id-dar, qaflet il-bieb warajha u minnufih qabdet il-ħatar u qaltlu, "Agħmel li għandek tagħmel!"  F'daqqa waħda il-ħatar beda jaqbeż u jogħla mas-saqaf u jferra' fuqha xita ta' liri tad-deheb. Dik il-mara bilkemm riedet temmen lil għajnejha.  Bdiet taqbeż u togħla u twerżaq.  L-art tal-kamra, il-mejda, il-gradenza, is-siġġijiet .......... kollha mtlew b'saffi ta' liri tad-deheb. Sa fl-aħħar "Saqqaf!" għajtet. U l-ħatar waqaf minnufih. **(Paragrafu 5)**

"Min jaf kemm flus għandi?!" bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha.  "Jaqbel inkejjilhom!" U hekk telqet tħaffef għal għand oħtha biex titlobha tislifilha ftit is-siegħ.  B'hekk tkun tista' tkejjel il-flus l-istess kif soltu jkejlu d-dqiq. Imma oħtha kienet ġurdien xiħ. Waqt li marret iġġibulha, baxx baxx waħħlitlu biċċa għaġina fil-qiegħ.  Il-mara ma ntebħet xejn. Kejlet il-flus kollha, refgħethom u meta lestiet kollox marret għand oħtha biex tagħtiha s-siegħ lura. Xejn ma ntebħet li mal-għaġina tal-qiegħ kien hemm imwaħħla lira tad-deheb. Tistgħu taħsbu kif baqgħet oħtha meta sabet dik il-lira. **(Paragrafu 6)**

Tant damet tredden li l-imsejkna mara kellha tgħidilha bil-biċċa kollha.  Oħtha mtliet bil-għira u dak il-ħin stess waħħlitha f'moħħha li tmur hija wkoll tfittex id-dwejra ta' dawk l-irġiel.  Hekk għamlet.  Dakinhar stess filgħaxija telqet lejn it-trejqa ta' qalb ir-raba'. Imxiet lejn in-naħa li semmitilha oħtha u wara mixja ġmielha lemħet id-dwejra bid-dawl fit-tieqa.

Hemmhekk l-irġiel stednuha tpoġġi mal-mejda u meta kulħadd kiel u xorob staqsieha x'jidhrilha minn Jannar : "L-agħar xahar tas-sena," qabżet u weġbitu, "ħlief kesħa u maltemp ma jafx jagħtina. Puh, kemm ma nistax għalih."
"U x'tgħidilna dwar Frar?" staqsa l-ieħor.
"Gwapp daqs ħuh. Xita u ċaflis. Dejjem imsakkrin ġewwa," qarrset wiċċha l-mara. U baqgħet tredden u tgerger sa ma waslet f'Diċembru.
L-irġiel ma weġbuha xejn imma meta qamet biex titlaq wieħed minnhom newlilha ħatar u qalilha, "Ħa ħudu miegħek u malli tasal id-dar għidlu, *Agħmel dak li għandek tagħmel!* Meta tridu jieqaf, għidlu, *Saqqaf!"* ***(Paragrafu 7)***

Il-mara ħatfet il-ħatar u telqet tlebbet lejn id-dar. Imma ma kellhiex sabar. Meta waslet fit-trejqa kemxejn imwarrba, trekknet taħt ħajt, ħatfet il-ħatar u qaltlu, "Agħmel dak li għandek tagħmel!" Il-ħatar beda jaqbeż u jogħla, imma minflok iferra' l-flus beda jinżel b'saħħtu kollha fuq il-mara u jfajrilha fejn ġie ġie. Il-mara saret ħamra nar bir-rabja. Qabdet dak il-ħatar, qasmitu fi tnejn u rmietu 'l barra mit-tieqa. Mit-triq inzerta għaddej wieħed raġel tallab li malli ra dak il-ħatar maqsum ġabru u qal, "Ara xi ġmiel ta' ħatar dan! Dnub maqsum min-nofs!" **(Paragrafu 8)**

Ħadu miegħu d-dar, sewwieh u darba waħda bla ma jaf kif gieh f'moħħu dak il-kliem u fettillu jgħidlu , "Agħmel dak li għandek tagħmel!" u l-ħatar beda jferra' fuqu xita ta' liri tad-deheb. **(Paragrafu 9)**

*(meħuda mill-ktieb "Taħt Sema Kwiekeb" – kitba ta' Trevor Zahra )*

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

9. Il-mara s-sinjura, kif weġbithom lill-irġiel dwar ix-xhur?

_______________________________________________

10. Flok taha l-flus il-bastun ġab ruħu mod ieħor mal-mara s-sinjura. X'għamel?

_______________________________________________

11. Min sabu fit-triq u x'ġara wara li sewwieh?

_______________________________________________

12. Agħti l-**plural miksur** tal-kelma **mejda.** (par. 5) ________________

13. Ikteb il-**partiċella** u **l-artiklu** ta' din (par. 5):

***tad***-deheb ........ ________ ________

14. Minn paragrafu 8 sib u ikteb kelma li qiegħda

fid-**diminuttiv :** ________________

15. Fisser dawn l-espressjonijiet:

a) waħħlitha f'moħħha ________________________________

b) seba' mitt sena ________________________________

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha.** *(4 marki)*

16. Kieku ssib bastun bħal dan taħseb li jagħtik ħafna flus jew jagħtik xi daqqtejn? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**

SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019 -2020**

---

**Is-Sitt Sena**

**MALTI – IL-KITBA** **Ħin: 60 minuta**

---

**Isem:** ______________________________________________

**Klassi:** ______________________________

**Numru tar-Reġistru:** _____

| | |
|---|---|
| Kitba Qasira (10 marki) | |
| Kitba Itwal (20 marka) | |
| Marka Totali (30 marka) | |

## Il-Kitba Elettronika (10 marki)

Agħżel bejn numru 1 u numru 2.

L-ittra elettronika tiegħek trid tkun bejn 50 u 60 kelma.

1. **Ikteb ittra elettronika lill-ħabib tiegħek Mark li llum kien marid u ma setax jiġi l-iskola biex tinfurmah dwar il-laqgħa li s-sitt klassi kellha mas-Sindku tal-Kunsill Lokali .** L-indirizz elettroniku huwa **mark@informazzjoni.com**

JEW

2. **Ikteb ittra elettronika lill-kuġina tiegħek Ema li toqgħod Franza biex tagħtiha ftit informazzjoni dwar ir-raħal jew belt fejn toqgħod int.** L-indirizz elettroniku huwa **ema@franza.com**

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb l-ittra elettronika.**

**L-ittra elettronika __________ (ikteb 1 *jew* 2)**

| Lil: | |
| --- | --- |
| Suġġett: | |

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## Il-Kitba ta' Storja (20 marka)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u ikteb madwar 150-200 kelma.

1. **Avventura ma' sħabi tal-iskola.**

JEW

2. **Passaġġ misterjuż fil-kampanja.**

Punti li jistgħu jgħinuk:

- *Fejn mortu u għaliex?*
- *Meta mortu?*
- *X'għamiltu?*
  *Kif għaddejtu l-ħin?*
- *Kif intemmet l-avventura?*

## Il-Pjan tal-istorja

*(4 marki)*

**Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt.**

Storja _______ (Ikteb 1 *jew* 2)

**L-istorja li għażilt** *(16 -il marka)*

Uża l-pjan tiegħek sabiex tikteb l-istorja li għażilt.

L-istroja trid tkun bejn 140 u 200 kelma

Storja _________ (Ikteb 1 *jew* 2)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

---------------------TMIEM-------------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Sintassi | 4 | |
| Ortografija | 5 | |
| Punteġġjatura | 4 | |
| **Total** | | |